

IR-RENJU TAL-BELĠJU

SERVIZZ PUBBLIKU FEDERALI GĦAS-SAĦĦA PUBBLIKA, IS-SIKUREZZA TAL-KATINA ALIMENTARI U L-AMBJENT

Digriet Reġju li jemenda d-Digriet Reġju tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar il-manifattura u t-tqegħid fis-suq ta' sigaretti elettroniċi

FILIPPU, ir-Re tal-Belġjani,

Saħħha lil kull min jinsab preżenti u min għadu ġej.

Wara li kkunsidrajt il-Liġi tal-24 ta' Jannar 1977 dwar il-protezzjoni tas-saħħha tal-konsumatur firrigward ta' oġġetti tal-ikel u prodotti oħra, l-Artikolu 6(1)(a), sostitwit bil-Liġi tat-22 ta' Marzu 1989, l-Artikolu 10(1), sostitwit bil-Liġi tad-9 ta' Frar 1994;

Wara li kkunsidrajt id-Digriet Reġju tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar il-manifattura u t-tqegħid fis-suq ta' sigaretti elettroniċi emendat l-aħħar bid-Digriet Reġju tas-7 ta' Novembru 2022;

Wara li kkunsidrajt il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, datata **XXX**, skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika;

Wara li kkunsidrajt l-Opinjoni tal-Ispettorat tal-Finanzi, maħruġa fi **XX**;

Wara li kkunsidrajt l-Opinjoni **XXX** tal-Kunsill tal-Istat, maħruġa fi **XXX**, skont l-Artikolu 84(1)(2) tal-Liġijiet dwar il-Kunsill tal-Istat, ikkoordinata fit-12 ta' Jannar 1973;

Fuq il-proposta tal-Ministru tas-Saħħha,

IDDEĊIDEJT U B'DAN NORDNA:

Artikolu 1. Fl-Artikolu 4 tad-Digriet Reġju tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar il-manifattura u t-tqegħid fis-suq ta' sigaretti elettroniċi, sostitwit bid-Digriet Reġju tas-7 ta' Novembru 2022, qed isiru l-emendi li ġejjin:

1. Fil-paragrafu 4(1), il-kliem "likwidu li fih in-nikotina" huwa sostitwit bil-kliem "likwidu, bin-nikotina jew mingħajrha,";
2. Fil-paragrafu 5, il-kliem "likwidu li fih in-nikotina" huwa sostitwit kull darba bil-kliem "likwidu, bin-nikotina jew mingħajrha,".

Artikolu 2. Fl-Artikolu 5 tal-istess Digriet, sostitwit bid-Digriet Reġju tas-7 ta' Novembru 2022, qed isiru l-emendi li ġejjin:

1. Fil-paragrafu 6, il-kliem "bl-eċċeżżjoni ta' sigaretti elettroniċi mingħajr nikotina li jintremew wara l-użu" jiddaħħlu bejn il-kliem "sigaretti elettroniċi" u l-kliem "u kontenituri ta' rikarika";

<p>2. Tiddaħħal id-dispożizzjoni taħt 6/1 kif ġej:</p> <p>“§ 6/1. L-unitajiet tal-imballaġġ u kwalunkwe imballaġġ estern tas-sigaretti elettroniċi li jintremew wara l-użu mingħajr nikotina għandhom juru t-twissija tas-saħħha li ġejja: “Dan il-prodott jagħmel ħsara lil saħħtek. L-użu tiegħu mhuwiex rakkommandat għal min ma jpejjipx”. Ce produit nuit à votre santé. Son utilisation par les non-fumeurs n'est pas recommandée. Dieses produkt schädigt Ihre Gesundheit. Es wird nicht für den Gebrauch durch Nichtraucher empfohlen ”.”;</p>
3. Il-paragrafu 9 huwa s-supplimentat bid-dispożizzjoni taħt il-punt 8, li tgħid:
“8. Informazzjoni dwar kif tieqaf tpejjep.”
4. Fil-paragrafu 15, iċ-ċifra “13” hija sostitwita biċ-ċifra “12”.
Artikolu 3. Fl-Artikolu 6/1(3) tal-istess Digriet, miżjud bid-Digriet Reġju tas-7 ta' Novembru 2022, il-kelma “Ire>” hija sostitwita bil-kelma “Ihre”.
Artikolu 4. Dan id-Digriet għandu jidħol fis-seħħ fi XX .
Artikolu 5. Il-Ministru tas-Saħħha huwa responsabbi għall-implimentazzjoni ta' dan id-Digriet.